

I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

RAKKOMANDEZZJONIJIET

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDEZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tat-28 ta' Ottubru 2016

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland

(BĊE/2016/29)

(2016/C 413/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (2) Il-mandat tal-awdituri esterni preżenti tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland, Grant Thornton, intemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja 2015. Għalhekk huwa meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2016.
- (3) Il-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għażel lil Mazars bhala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI:

Huwa rakkomandat illi Mazars għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tal-Banc Ceannais na hÉireann/Central Bank of Ireland għas-snin finanzjarji 2016 sa 2020.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-28 ta' Ottubru 2016.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI
